Cit Nru:

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D**

**AWLA 5**

**Seduta ta' nhar il-05 ta' Dicembru, 2001**

**Citazzjoni numru 11/94**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Louis Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat u dan talli:

Fit-28 ta' Novembru, 1994, ghall-habta tas-7.00 p.m. fi triq l-Gharghar 1979, f'Hal Qormi, kif ukoll f'dawn l-ahhar granet qabel id-data msemmija, f'dawn il-gzejjer ghamel uzu minn vettura numru G 8012 minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta jew garanzija dwar ir-riskji ta' terzi persuni, kif ukoll naqas li jaghti avviz bil-miktub u jhallas id-dritt tat-twellija fi zmien sebat'ijiem lil Kummissarju tal-Pulizija dwar il-bidla tas-sid jew twellija tal-imsemmija vettura.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex l-akkuzat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan, ghal perjodu ta' mhux inqas minn tnax il-xahar.

Semghet il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni specifi-katament lil PS 1219, PS 240 u Saviour Meilak li fuqu hi registrata l-istess vettura, Joseph Spiteri in rappresentanza tad-Direttur tal-Ufficcju tal-Licenzji u Anthony Savona in rappresentanza tad-ditta Assikuratrici Fogg Limited.

Cit Nru:

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti rrizulta li l-vettura in kwistjoni ghadha registrata fuq Saviour Meilak u li hi koperta b'assikurazzjoni in konnessjoni ma 'any driver over 25'.

Illi ma hemm ebda dubbju li l-akkuzat, karta tal-identita u eta rispettiva 263470 (M) u 24 sena, meta nstab mill-pulizija waqt li kien isuq l-istess vettura fil-Wied ta' Hal Qormi meta waqfet minhabba ix-xita, ghandu jinstab hati tal-akkuzi kollha kif dedotti.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti issib lill-akkuzat hati talli:

Fit-28 ta' Novembru, 1994, ghall-habta tas-7.00 p.m. fi triq l-Gharghar 1979, f'Hal Qormi, kif ukoll f'dawn l-ahhar granet qabel id-data imsemmija, f'dawn il-gzejjer ghamel uzu minn vettura numru G 8012 minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta jew garanzija dwar ir-riskji ta' terzi persuni, kif ukoll naqas li jaghti avviz bil-miktub u jhallas id-dritt tat-twellija fi zmien sebat'ijiem lil Kummissarju tal-Pulizija dwar il-bidla tas-sid jew twellija ta l-imsemmija vettura.

Rat l-artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll il-Motor Vehicles Regulations numru 26.

In rigward piena, wara li rat l-istess artikoli, tikkundanna lill-akkuzat LM250 (mitejn u hamsin liri maltin) multa u tiskwalifikah mill-licenzji tas-sewaqn kollha tieghu ghal perjodu ta' sena min ghada.

In oltre tordna lill-akkuzat li jigi konformi mal-ligi in rigward trasferiment tal-istess vettura fi zmien xahar millum taht penali ta' zewg liri maltin (LM2) kull jum fin-nuqqas.

Alan Calleja
Dep Reg
Awla 5.